**21 ta' Jannar, 1960**

***Imħallef:—***

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Ersilia Bugeja

*versus*

Emmanuele Gatt

**Legat — Dritt tal-Għażla — Spejjeż tal-Prestazzjoni — Art. 1124, 1206(1), 770, 759 u 761 tal-Kap. 23.**

*Bħal fil-każ ta' obligazzjoni alternattiva, fejn l-għażla ta' waħda miż-żewġ ħwejjeġ li għandhom jiġu konsenjati lill-kreditur tal-legat biex id-debitur jeħles mill-obligazzjoni tmiss lill-istess debitur, jekk fil-ftehim ma tkunx ġiet imħollija lill-kreditur, hekk ukoll fil-każ ta' legat, meta l-volontà tat-testatur mhix ċara biżżejjed, l-għażla tmiss lil min hu obligat għall-prestazzjoni tal-legat; bħala regola, lill-eredi. U din ir-regola ssir applikabbli wkoll għall-legatarju li fuqu t-testatur ikun xeħet l-obligu tal-prestazzjoni tal-legat.*

*Anki l-ispejjeż tal-prestazzjoni tal-legat għandu jbatihom min hu tenut għall-prestazzjoni tal-legat, kif f'każ ta' obligazzjoni l-ispejjeż tal-pagament ibatihom id-debitur.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi d-decujus, il-Wisq Reverendu Monsinjur Dottor Vincenzo Bugeja, b'testment in atti tan-Nutar Victor Bisazza, fl-artikolu erbgħa, ħalla b'titolu ta' legat lill-konvenut il-fond numru 9 Buskett Road, Rabat; illi fit-tmien artikolu tal-istess testment, hawn eżibit "animo ritirandi" bħala dokument "A", it-testatur ordna lill-legatarju konvenut li fid-dar numru 9 Buskett Road, Rabat, iżomm miegħu, mingħajr ma jippretendi ebda kera, lill-attriċi, u jassenjalha l-kmamar fejn tista' toqgħod hija u s-serva li jkollha magħha; illi l-konvenut assenja lill-attriċi kamra waħda biss, u dan bl-iskop li ma jippermettix lill-attriċi tgħix fil-fond in kwistjoni, u kontra l-ordni tat-testatur; u illi l-istruttura tal-fond in kwistjoni tippermetti faċilment lill-konvenut jagħti lill-attriċi dawk il-kmamar neċessarji għaliha kif ordnat fl-istess testment — ħaġa li l-konvenut ma għamelx, allavolja mitlub diversi

**drabi u nterpellat uffiċjalment; talbet li jiġi dikjarat u deċiż minn dil-Qorti liema huma l-ambjenti li għandhom jiġu assenjati lill-attriċi għat-tenur tal-istess testment, u konsegwentement li l-konvenut jiġi kundannat jiżgombra dawk l-ambjenti hekk assenjati u minnu talvolta okkupati, biex iħallihom għall-libera dispożizzjoni tal-attriċi; u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal kwalunkwe kawżali oħra valida fil-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Lulju 1957;**

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, **fl-imsemmija** relazzjoni tiegħu, issottometta......;

Illi fit-trattazzjoni orali tas-26 ta' Novembru 1959 id-difensur tal-attriċi ssottometta li l-għażla tal-kumditajiet in kwistjoni tmiss lilha, mentri d-difensur tal-konvenut insista li l-għażla tmiss lill-konvenut;

Dwar dan il-punt, it-testatur fl-art. VIII tat-testment (fol. 10 tergo) ordna lill-konvenut, in konsiderazzjoni ta' dak kollu li ħallielu u għar-rispett li dejjem ġieblu, "li wara mewtu jżomm fid-dar imħollija lilu, ta' numru 9 Buskett Road, Rabat, mingħajr ma jippretendi l-ebda kera, lin-neputija tat-testatur Ersilia Bugeja, li ilha ħafna mdorrija toqgħod mat-testatur, u jassenjalha l-kmamar fejn tista' toqgħod hija u s-serva li jkollha magħha". Milli jidher, l-intenzjoni tat-testatur kienet li l-kmamar jagħżilhom il-konvenut; iżda, anki fil-każ li l-volontà tat-testatur mhix ċara biżżejjed u tista' tħalli xi dubju, għandu jiġi segwit il-prinċipju illi, bħal f'materja ta' obligazzjoni, l-għażla tmiss lid-debitur li għandu jħallas (art. 1124 Kod. Ċiv.); hekk din l-għażla tispetta lil min hu obligat għall-prestazzjoni tal-legat, bħala regola, lill-eredi (art. 759 u 761 Kod. ċitat). Liema regola ssir applikabbli anki għall-legatarju li fuqu t-testatur ikun xeħet l-obligu tal-prestazzjoni tal-legat; għaliex, kif josserva Pacifici Mazzoni, "rispetto all' obbligazione che per l'uno e per l'altro nasce da tale legato,

essi (i.e. l-eredi u l-legatarju) trovansi in condizione perfettamente uguale" (Successioni, Vol. VII, §123);

Illi mill-premess tinżel il-konsegwenza illi d-dritt talgħażla jikkompeti lill-konvenut, li per mezz tad-difensur tiegħu, fl-imsemmi dibattitu orali, iddikjara li jagħżel ilpjan sottomess mill-perit legali ndikat bl-ittra "B" talpara. 20. F'dik l-istess okkażjoni, l-attriċi, per mezz taddifensur tagħha, aċċettat l-istess pjan; biss osservat li jkollha bżonn tagħmel użu mil-ġardina biex tonxor — ħaġa li għaliha aderixxa l-konvenut;

Illi, dwar l-ispejjeż, il-konvenut ippretenda li dawn għandhom imorru fuq l-attriċi, għaliex il-kawża hija bla bażi u saret inutilment. Kwantu għall-ewwel motiv, irriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-attriċi, minħabba r-restrizzjonijiet tal-konvenut, sabet ruħha fin-neċessità li tagħmel il-kawża; il-"modus vivendi" li kien intlaħaq wara l-mewt tat-testatur ma setgħax jibqa' wara li bejn il-kontendenti spiċċat l-armonija; u l-attriċi kienet u baqgħet intitolata titlob id-drittijiet tagħha skond il-liġi. U għalhekk anki t-tieni motiv mhux aċċettabbli, u għandu jiġi applikat il-prinċipju li, kif f'każ ta' obligazzjoni l-ispejjeż tal-pagament ibatihom id-debitur (art. 1206(1) Kod. Ċiv.), f'każ ta' ħlas ta' legat għandu jbatihom min ikun tenut għall-prestazzjoni tiegħu; u billi normalment din il-prestazzjoni hija dovuta mill-eredità, l-ispejjeż huma dovuti minnha (art. 770 Kod. citat). Iżda l-liġi kkontemplat il-każ l-aktar frekwenti; u kif josserva Cesare Losana, "il legato può altresì essere imposto ad un legatario, ed in tal caso questi, anzicchè l'eredità, per analogia di ragione, dovrebbe sopportare le spese della prestazione" (Digesto Italiano, Successioni Testamentarie §872). U f'dan is-sens huwa wkoll l-insenjament ta' Pacifici Mazzoni (op. ċit., §74, paġ. 161 in fine);

Ma jistax jingħad illi l-ispejjeż tal-proċedura odjerna kienu inġustifikati; għaliex hija ġiet provokata mill-aġir tal-konvenut, li ma ħalliex lill-attriċi tagħmel użu millambjenti tad-dar bħal qabel. L-anqas l-offerti li saru lillkonvenut wara li nqalgħet il-kwistjoni (fol. 16, 17 u 18)

ma kienu suffiċjenti, kif jirriżulta mill-konfront tagħhom mal-pjan "B" sottomess mill-perit;

Għal dawn il-motivi;

Previja adozzjoni tal-perizja ġudizzjarja;

Tilqa' l-ewwel talba, billi tiddikjara illi l-ambjenti li għandhom jiġu assenjati, u li fil-fatt imissu lill-attriċi a tenur tat-testment fuq riferit, huma dawk deskritti fil-paragrafu 20 ittra "B" u fil-paragrafu 21 tar-relazzjoni peritali, bid-dritt ukoll lill-attriċi li tagħmel użu mill-ġardina annessa mal-fond "de quo" biex tonxor biss;

Konsegwentement tilqa' t-tieni talba, billi tipprefiġġi lill-konvenut ħmistax il-ġurnata żmien biex jiżgombra u jħalli liberi l-ambjenti kif fuq deskritti lill-attriċi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.